# IL-FURJANA FIL-KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI TAL-1913

*Kitba tal-***Imħallef Emeritu Giovanni Bonello**

Sena wara sena, mill-1881 sal-lum, l-awtoritajiet tal-Knisja Rumana iniedu kungress kbir internazzjonali biex jiċċelebraw l-Ewkaristija. Kull sena dan isir f'pajjiż differenti. Meta ġie mħabbar li Malta ġiet magħżula biex tilqa' l-kungress tal-1913, wara dak ta' Vjenna tal-1912, dan ġab ferħ kbir fost il-Maltin, u xi ftit ansjetà wkoll. Malta qatt ma kienet organizzat ġrajja internazzjonali fuq skala kbira. L-isfidi għal din il-gżira żgħira kienu jkexkxu, imma r-rieda tajba ma naqset qatt. Malta kellha tilqa' numru kbir ta' prelati, saċerdoti, kbarat – ħames kardinali - pellegrini, kurjużi u turisti mid-dinja kollha, f'numri li qatt ma kienet rat qabel.

Barra minn ġrajja reliġjuża li kienet tiġbed l-attenzjoni tad-dinja kattolika kollha kemm hi, il-Maltin xejn ma ddejqu li bil-Kungress setgħu idawru lira wkoll. Lukandi, ristoranti, *souvenirs*, kartolini, kotba, bnadar, ġiti, trasport - kollha raw opportunità li qatt ma kienet tfaċċat qabel.

Il-Kungress proprju dam ħamest'ijiem, mit-23 sas-27 ta' April, imma xi wħud mill-pellegrini ġew qabel jew baqgħu wara. Il-persuni ewlenija kienu l-Kardinal Domenico Ferrata (1847 – 1914) Legat tal-Papa Piju X, u d-Duka u d-Dukessa ta' Norfolk, l-eqreb lejn is-sovran Brittanniku li kienu jħaddnu r-Religjon Kattolika. Id-djoċesi Maltija kienet taħt l-Arċisqof Pietru Pace u l-Gvernatur kien Sir Leslie Rundle.

Kull jum tal-Kungress kienu jsiru laqgħat u ġrajjiet kbar u impressjonanti, mxerrdin mal-gżira kollha, u ma' Għawdex ukoll. Jien irrid insemmi biss dawk li fihom il-Furjana kellha sehem ewlieni. Għażilt sitt ritratti 'Furjanizi' biex nagħti idea tal-kobor, tal-parteċipazzjoni u tal-organizzazzjoni ta' dawn il-ġrajjiet.

Ir-ritratt numru 1 juri parti mill-festa tal-« anġli ż-żgħar ». Din kienet purċissjoni ta' xi 12,000 tfal tal-iskejjel, subien u bniet, hi u għaddejja minn ħdejn il-ġnien tal-Mall, il-Ħamis 24 ta' April. It-tfal kien tqarbnu fil-knisja ta' San Publju u wara mxew proċessjonalment sa San Ġwann, il-Belt.




CONGRES DE MALTE
La Foule aux
2


CONGRES DE MALTE
La Procession finale
3




4



5

It-tfal kollha libsu l-abjad kif xieraq. In-nisa li jidhru magħhom, ukoll jixhdu t-tqallib tal-moda f'Malta qabel l-Ewwel Gwerra. Xi wħud lebsin 'modern', ħwejjeġ ċari bil-kpiepel tal-falda wiesa' (*picture hats*), oħrajn, aktar tradizzjonali, bl-għonnella sewda fuq libsa sewda, ukoll tasal sal-art. Il-Mall għadu mdawwar b'ħajt għoli kif kien inbena mill-Kavallieri biex jilgħabu l-ballun fih.

Dan ir-ritratt jinsab f'serje ta' tnax-il kartolina ippubblikata f'Pariġi mill-*Maison de la Bonne Presse* biex tikkommemora l-ġrajjiet ewlenija tal-Kungress ta' Malta. L-istess editur kien ukoll ippubblika sett ieħor ta' tnax-il kartolina, b'veduti sbieħ ta' Malta, biex jinbiegħu lill-pellegrini tal-Kungress.

Ir-ritratt numru 2 juri l-purċissjoni 'l kbira ta' waranofsinhar tal-Ħadd, 27 ta' April, li telqet minn San Ġwann għall-Furjana, fejn it-Tribuna kienet armata quddiem il-Mall - illum il-post tal-monument tal-Indipendenza. Din il-kartolina wkoll tifforma parti mis-sett li diġà ssemma.

Ir-ritratt numru 3 juri l-istess purċissjoni, bil-baldakkin Ewkaristiku jinġarr minn tmien persuni prominenti Maltin. Il-purċissjoni għaddiet minn Pjazza San Kalċidonju, biex tagħti l-opportunità



6

lill-morda tal-Isptar Ċentrali li jarawha. Dan ir-ritratt ukoll, huwa fis-serje ta' kartolini ippublikati f'Pariġi.

Ir-ritratt Numru 4 juri dik il-parti mill-purċissjoni Ewkaristika li fiha ħadu sehem il-konfraterniti wara l-bandalori tagħhom, qed jaqsmu x-Xagħra tal-Furjana. Fil-bogħod, fin-nofs jidher Putirjal, u aktar ma tersaq lejn ix-xellug, il-*Vernon Club*, illum is-*Central Bank*, it-Tribuna tal-Kungress, u l-Knisja tas-Servizzi, illum il-Borsa ta' Malta. Kulħadd b'xi għata fuq rasu, l-irġiel kważi kollha bil-*paglietta* (*boater* bl-ingliż) li kienet moda qabel l-ewwel gwerra. Illum ħaditilha postha l-*panama*.

Ir-ritratt numru 5 juri t-Tribuna tal-Kungress, iddisinjata mill-perit ewlieni Malti Andrea Vassallo. Billi l-purċissjoni kienet damet wisq aktar milli kien mistenni, meta l-Kardinal Ferrata wasal biex jiċċelebra r-Rit Ewkaristiku kien laħaq dalam sew. Kien providenzjali li t-Tribuna kienet imdawla bl-elettriku, u dan ir-ritratt jixhed ix-xena drammatika tal-qofol tal-Kungress – folla enormi fid-dlam tħares lejn iċ-ċelebrant miksi bid-dawl.

Ir-ritratt numru 6 juri l-inawgurazzjoni tal-monument ta' Kristu Re, tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913. Billi l-finanzi tal-organizzazzjoni kienu tmexxew bil-għaqal, kien fadal bilanċ ta' xi £600, u l-kumitat qatagħha li jiġbor xi flus oħra u jqabbad lill-iskultur Malti Antonio Sciortino jlesti monument ta' tifkira. Dan tpoġġa fil-ġnien tal-Biskuttin, iħares lejn fejn kienet it-Tribuna tal-Kungress. Il-monument il-ġdid tbierek fit-30 ta' Diċembru 1917 mill-isqof il-ġdid, Dom Mauro Caruana, fil-preżenza tal-Gvernatur Lord Paul Methuen, li t-tnejn jidhru fir-ritratt, bilqiegħda fuq-putruni għolja. Il-monument għadu mgeżwer fid-drappijiet, u fil-folla hemm nies prominenti bit-tomna, studenti tal-Università lebsin il-beritta tal-bellus, u xi nisa wkoll, eleganti u ftit. ■

© Giovanni Bonello, 2017

# A MALTA

## In occasione della Nazionale Festivita' di S. Pubblio

**Il 1mo. di Maggio, 1892.**

Sei bella, o Melita—nell'onda lucente
che lieta ti cinge— che danza al tuo piè,
sei bella nel cielo—sereno e ridente,
o terra feconda—dai rai della fè.

O vaga isoletta—sei grande nel Santo,
che naufrago errante—di Dio ti parlò.
O salve Melita—o terra d'incanto,
che prima di Roma—i numi sprezzò!

O culla felice—del primo Pastore,
la gloria festeggia—che Dio ti largì;
esulta Melita—ineggia d'amore
al Prence che morte—per Cristo patì!

Il guarda...Ei non teme—lo slancio feroce
dei pronti leoni—e l'alto ruggir;
sereno nel volto—baciando la croce,
attende la palma—del dolce martir.

È scossa l'arena—dall'unghio di morte,
gia spruzzano bava—i fieri leon,
ma fermo al suo posto—di prima più forte,
non cede d'un passo—di Cristo il campion.

È vinta la carne—ma l'alma immortale
ha vinto il tiranno—dall'empio furor;
l'angelico sciame—che d'oro tien l'ale,
quell'alma beata—presenta al Signor.

Esulta Melita—quel sangue che irrora
l'arena sacrata—pel pasto crudel,
è brina di perle—che specchia l'aurora
d'un èra novella—promessa dal ciel!

Sei bella nell'onda—che danza al tuo piede,
sei bella nel cielo—ridente e seren,
natale mia terra—i rai della fede
fan ricca tua messe—fecondo il terren!

R. S.

Ħajr: **Kappella San Publju M.**